## GHASFUR

*Ta'* Ariel Fiorini

Niżel
f'għalqa
kiel,
twikkel,
tar.
Mar
f'bejta
xtarr, u
tama'
ż-żgħar.

Reġa'
tar biex
fittex
l-ilma.
Sab,
xorob,
mela
ħalqu.

Mar
f'bejta
seqa
ż-żgħar.
Għanna
ħieles.
Mferraħ
meraħ.

Iġġerra
għaja
reġa'
dar.
F'bejta
mar.
Faħħar
'l Alla
talli
tah
ħajja
ħielsa
b'ebda
niket.

Hu u
martu,
wliedu
ż-żgħar,
raqdu
raqda,
meta
d-dawl
ħalla
d-dinja
kollha
dlam.

---

## IL-QAWSALLA TA' L-IMĦABBA

*Ta'* Vincent Caruana

Hekk kif qawsalla tidher
Fis-sema kollha lwien,
U xbin jibbnazza sewwa
Ma tibqa' tar'ha mkien,

B'ilwien hekk sbieħ tidhrilhom
L-imħabba lill-bnedmin
U jaħsbu li sal-qabar
Twassalhom ferħanin;

'Ma xbin jibbnazza moħħom
U minnu jmur iċ-ċpar
Idubu lwien l-imħabba
Li jpinġu l-qlub iż-żgħar.



## LIL OMM IN-NIKET

*Quddiem il-Madonna tad-Duluri,*
*Ta' Ġieżu, il-Belt.*

*Ta'* Pawlu Aquilina

Habbejtek dejjem, bħal ma taf, għax qalbi
Tħobb tiġi fejnek biex tarak sikwit;
Tħobb tiġi tfarrġek u titfarraġ minnek
U nħoss ġo fiha l-ferħ li nkun irrid.

Taf Int, Madonna, kemm-il darba nifsi
Kien wasal biex jintemm bi qtigħ-il-qalb
U reġa' fija ħa mill-qawwa u saħħa
Li tajtni Int ma' l-ewwel biki u talb.

Qatt ma ħallejtni... qatt ma bgħattni lura
Bid-dmugħ iċarċar ma' ħaddejja sfiq;
Dejjem tfajt f'ħarsti dik il-ħarsa ħelwa
Bid-dawl u d-dija biex turini t-triq...

Kull meta kont mitluf u għajjien mejjet,
Bla ħila, bla mistrieħ, bi dwejjaq kbar,
Sibt ġewwa ħarstek saħħa ġdida dejjem
U għabu minn ġo fija l-hemm u ċ-ċpar.

Darba ġejt niġri ġo dirgħajk u f'bikja
Ta' dmugħ u f'karba kollha wġigħ u mrar
Tlabtek għal ommi biex tagħtiha s-saħħa
U terġa' lura magħna minn l-isptar...

U ommi qamet kollha ħila u saħħa,
Kif tlabtek jien, u reġgħet magħna d-dar.
Il-lum xbihetek tqim kuljum, bil-għożża,
Kull x'ħin tiftakar fik, bil-lejl, bin-nhar!

* * *

Il-lum ġejt għandek b'qalbi safja, sħiħa,
Mimlija faraġ milli sqejtni Int,
U miegħi ġibt ix-xebba li nħobb jiena:
Żommi lili b'ibnek u 'l imħabbti b'bint.